MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 296/2009

**Stephen Grech (ID 84170M)**

***kontra***

**L-Onorevoli Prim Ministru ;**
**l-Onorevoli Ministru ghall-Komunikazzjoni u Progetti Nazzjonali ;**
**l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi, u b`digriet tat-3 ta` Gunju 2009 wara l-kliem "Ministru tal-Finanzi" zdiedu l-kliem "l-Ekonomija u Investiment" ; Chairman tal-Awtorita` Dwar it-Trasport ta` Malta ;**
**Direttur Generali tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ; u**
**l-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-<u>24 ta` Marzu 2009</u> li jaqra hekk –

<u>*DIKJARAZZJONI*</u>

*1. Illi huwa mporta gewwa Malta mir-Renju Unit il-vettura tal-marka Ferrari mudell 328 GTB li kienet gja registrata l-Ingilterra taht in-numru D89 GBF liema vettura hija mghammra b`magna petrol ta` kapacita`.*

*2. Illi l-mittenti xtara din il-vettura skond il-ligi u kif trid il-ligi fl-Ingilterra. Illi meta xtara din il-vettura ghamel il-hlasijiet kollha rikjesti skond il-ligi Ingliza (u ghalhekk ligi Ewropeja) ghal vetturi li huma second hand. Ghalhekk hallas ukoll registration tax u VAT fl-Ingilterra jigifieri dawn kienu kollha gja mhallsa mill-previous owner.*

*3. Meta gie biex jirregistra din il-vettura hawn Malta gie nfurmat li l-ammont li kellu jhallas bhala registrazzjoni hawn Malta kien jammonta ghal tletin elf, erba` mija u tmienja u erbghin ewro u tlettax-il centezmu (€30,448.13). Dan l-ammont huwa ghal hamsa u ghoxrin elf u seba` mija u tlieta u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€25,793.63) bhala Registration Tax u l-ammont ta` erbat elef u sitt mija u tnejn u erbghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€4,642.85) bhala VAT.*

*4. Illi l-mittenti hallas dawn l-ammont permezz ta` Bank Draft mahrug mill-Bank of Valletta fl-ammont indikat bin-numru 63891 22-013 10196790 201 u datat 11 ta` Novembru 2008 UNDER PROTEST u dana sabiex bl-ebda mod ma jigi dan il-hlas interpretat bhala accettazzjoni tal-ammonti fuq riferiti liema ammonti huma bbazati fuq interpretazzjoni skorretta tal-Ligi Civili Maltija u d-Direttivi applikabbli tal-Unjoni Ewropeja u dana minhabba arrikiment indebitu, hlas ta` taxxazzjoni doppja,*

*hlas ta` VAT doppju, hlas ta` taxxa ta` registrazzjoni indebita, hlas ta` vat doppju fuq freight charges u assikurazzjoni oltre hlasijiet ohra mohbija.*

*5. Illi r-rikorrenti ntavola ittra ufficjali kontra l-konvenuti ai finijiet tal-artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*6. Illi l-konvenuti baqghu inadempjenti u per konsegwenza kellha ssir din l-odjerna kawza.*

*RAGUNI TAT-TALBA*

*1. Illi huwa mporta gewwa Malta mir-Renju Unit il-vettura tal-marka Ferrari mudell 328 GTB li kienet fja registrata l-Ingilterra taht in-numru D89 GBF liema vettura hija mghammra b`magna petrol ta` kapacita`.*

*2. Illi l-mittenti xtara din il-vettura skond il-ligi u kif trid il-ligi fl-Ingilterra. Illi meta xtara din il-vettura ghamel il-hlasijiet kollha rikjesti skond il-ligi Ingliza (u ghalhekk ligi Ewropeja) ghal vetturi li huma second hand. Ghalhekk hallas ukoll registration tax u VAT fl-Ingilterra jigifieri dawn kienu kollha gja mhallsa mill-previous owner.*

*3. Meta gie biex jirregistra din il-vettura hawn Malta gie nfurmat li l-ammont li kellu jhallas bhala registrazzjoni hawn Malta kien jammonta ghal tletin elf, erba` mija u tmienja u erbghin ewro u tlettax-il centezmu (€30,448.13). Dan l-ammont huwa ghal hamsa u ghoxrin elf u seba` mija u tlieta u disghin ewrop u tlieta u sittin centezmu (€25,793.63) bhala Registration Tax u l-ammont ta` erbat elef u sitt mija u tnejn u erbghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€4,642.85) bhala VAT.*

*4. Illi l-mittenti hallas dawn l-ammont permezz ta` Bank Draft mahrug mill-Bank of Valletta fl-ammont indikat bin-numru 63891 22-013 10196790 201 u datat 11 ta` Novembru 2008 UNDER PROTEST u dana sabiex bl-ebda mod ma jigi dan il-hlas interpretat bhala accettazzjoni tal-ammonti fuq riferiti liema ammonti huma bbazati fuq interpretazzjoni skorretta tal-Ligi Civili Maltija u d-Direttivi applikabbli tal-Unjoni Ewropeja u dana minhabba arrikiment indebitu, hlas ta` taxxazzjoni doppja, hlas ta` VAT doppju, hlas ta` taxxa ta` registrazzjoni indebita, hlas ta` vat doppju fuq freight charges u assikurazzjoni oltre hlasijiet ohra mohbija.*

*5. Illi r-rikorrenti ntavola ittra ufficjali kontra l-konvenuti ai finijiet tal-artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*6. Illi l-konvenuti baqghu inadempjenti u per konsegwenza kellha ssir din l-odjerna kawza.*

*TALBIET*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-impostazzjoni ta` l-ewwel egistrazzjoni kalkolata ai termini tal-Kapitolu 368 tal-ligijiet ta` Malta fuq ir-registrazzjoni f`Malta ta` vetturi uzati proprjeta` tar-rikorrenti provenjenti mill-Unjoni Ewropeja u l-impostazzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud ai termini tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta` Malta fuq it-taxxa tal-Ewwel registrazzjoni fuq il-vetturi proprjeta` tar-rikorrenti tmur, inter alia, kontra l-Artikolu 90 tat-Trattat tal-Komunita` Ewropeja u d-direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE gja` s-Sitt Direttiva dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement li l-intimati jew min minnhom applikaw l-istess ligijiet fil-konfront ta` kull wiehed mir-rikorrenti bi ksur tal-artikolu 90 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropeja u / jew bi ksur tad-disposizzjonijiet tad-direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE gja` s-Sitt Direttiva dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.*

*3. Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi l-impostazzjoni tat-taxxa tal-ewwel registrazzjoni f`Malta kalkolata ai termini tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta` Malta fuq il-vettura tar-rikorrenti hija nulla, invalida u minghajr effett.*

*4. Tiddikjara u tiddeciedi inoltre illi l-impostazzjoni tal-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq it-taxxa tal-ewwel registrazzjoni f`Malta fil-konfront tar-rikorrenti hija nulla u nvalida u minghajr effett in kwantu din tmur kontra l-Artikolu 90 tat-Trattat tal-Kommunita` Ewropeja u / jew id-direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE gja` s-Sitt Direttiva dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.*

*5. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jirrifondu lir-rikorrenti dak l-ammont li huwa gie ordnat illegalment u abuzivament ihallas ai termini tal-Kapitolu 368 u 406 tal-Ligijiet ta` Malta bi ksur tal-Artikolu 90 tat-Trattat tal-Kommunita` Ewropeja u / jew is-Sitt Direttiva dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali 1076/08 u 912/09 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati (hlief ic-Chairman ta` l-Awtorita` dwar it-Trasport ta` Malta) prezentata fit-22 ta` Mejju 2009 li taqra hekk –

*Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari r-rikors guramentat huwa rritwali kif ukoll irrecevibbli u ghalhekk null fit-termini tal-Artikolu 156(7) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili billi huwa nieqes minn dikjarazzjoni li tispjega b`mod car u sewwa l-oggett tal-kawza kif ukoll minn spjegazzjoni tar-raguni tat-talba u partikolarment minn spjegazzjoni ghaliex huwa allegat fit-talbiet illi l-hlasijiet imsemmija fil-premessi jivvjolaw l-Artikolu 90 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropeja u l-hekk imsejjha s-Sitt Direttiva li lanqas biss ghadha fis-sehh ;*

*Illi tajjeb li din l-Onorabbli Qorti tigi a konoxxenza tal-fatt li mill-1 ta` Jannar 2007 is-Sitt Direttiva (kif indikata mir-rikorrenti) ma baqghetx fis-sehh u ddahlet minflok fis-sehh id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ;*

*Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u wkoll in linea preliminari l-Onorevoli Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur u dan a tenur tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jezisti l-ebda detentur ta` kariga Ministru tal-Finanzi izda kellu jigi mharrek il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment ;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, rigward il-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :*

*1. Illi ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 90 tat-Trattat dwar il-Komunita` Ewropea [L-Artikolu 90 tat-Trattat dwar il-Komunita` Ewropea jipprovdi s-segwenti: 'No Member State shall impose, directly or indirectly, on the products of other Member States any internal taxation of any kind in excess of that imposed directly or indirectly, on the products of other Member States any internal taxation of any kind in excess of that imposed directly or indirectly on similar domestic products. Furthermore, no Member State shall impose on the products of other Member States any internal taxation of such a nature as to afford indirect protection to other products'] hekk kif allegat mir-rikorrenti fir-rikors in risposta ;*

*2. Illi peress illi t-taxxa ta` registrazzjoni mhix suggetta ghall-armonizzazzjoni, l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej huma hielsa li jezercitaw il-kontroll taghhom fil-qasam tat-tassazzjoni tal-vetturi ;*

*3. Illi fil-fatt, il-Qorti Ewropea tal-Gustizzja qatt ma kkontestat id-dritt ta` Stat Membru illi jimponi taxxa ta` registrazzjoni fuq vetturi u lanqas qatt ma ntromettiet ruhha dwar l-ammont ta` taxxa mposta ;*

*4. Illi ma hemm xejn la llegali u lanqas abbuziv fl-impozizzjoni tat-taxxa ta` registrazzjoni Maltija fuq vetturi uzati stante li mhux qed tigi mposta, direttament jew indirettament, l-ebda taxxa ohra fuq prodotti ta` Stati Membri ohrajn oltre dik imposta direttament jew indirettament fuq prodotti simili lokali. Inoltre Malta m`ghandhiex manifattura domestika ta` vetturi u ghaldaqstant ma jistax ikollha taxxa li tipprotegi l-prodotti domestici bi ksur tal-imsemmi Artikolu 90 ;*

*5. Illi ghar-ragunijiet suesposti d-decizjoni tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta` Malta li biha stabbiliet it-taxxa tal-ewwel registrazzjoni fuq il-vetturi partikolari in*

*kwistjoni kienet gusta skond il-ligi ta` Malta u tal-Komunita` Ewropea ;*

*6. Illi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fin-nuqqas assolut ta` xi motivazzjoni fir-rikors promotur li tispjega l-pretensjoni tar-rikorrent f`dan ir-rigward, ghandu jigi ritenut, ghaliex hekk hu fil-fatt u fid-dritt, li d-decizjoni tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta` Malta li biha esigiet il-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-imsemmija taxxa ghar-registrazzjoni kienet gusta u skond il-ligi ta` Malta u tal-Komunita` Ewropea. Ghal kull buon fini jizdied li d-dazju ta` registrazzjoni Malti hu direttament marbut mal-akkwist tal-vettura u ghalhekk ghandu jigi nkluz fl-ammont tal-akkwist li fuqu tithallas it-taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-kuntest tal-ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ;*

*7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jopponu l-azzjoni.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Semghet ix-xhieda ta` Brian Farrugia fl-udjenza tat-22 ta` Settembru 2009.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta` Frar 2010 fejn. bla pregudizzju ghall-kwistjoni legali li tifforma l-bazi tal-vertenza ta` bejniethom, il-partijiet qablu illi l-fatti tal-kaz, inkluz l-ammonti li thallsu mill-attur mhumiex kontestati. Li hemm kontestat huwa liema ligi tapplika ghall-kaz u cioe` jekk hijiex il-ligi tal-UE inkella l-ligi domestika ta` Malta.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta l-attur fl-1 ta` Marzu 2010.

Rat in-nota tal-attur (fol 69 sa fol 71) skond id-digriet taghha tal-5 ta` Ottubru 2010.

Rat ix-xhieda bl-affidavit ta` Charles Vella, Francis Borg, Claude Cuschieri, Emanuel Galea u Gilbert Agius.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li saru bil-fomm mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta` Gunju 2012.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. L-ewwel eccezzjoni**

**L-Art 156(1)(a) tal-Kap 12** jghid illi rikors ġuramentat għandu jkun fih *dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża*.

Din id-disposizzjoni (anke kif kienet qabel l-emendi tal-1995 u tal-2005) inghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi.

Hekk fis-sentenza **<u>“Moore noe vs Falzon et”</u>** (Prim’Awla tal-Qorti Civili – **<u>PA/AM</u>** – 15 ta’ Dicembru 1995) kien deciz li –

*U ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b’mod li l-kawzali tista’ tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista’ tkun anke ridotta mid-domanda (Kollez. XXXIV.I.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228).*

Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza “**<u>Bonnici vs Zammit noe</u>**” deciza fl-20 ta’ Jannar 1986 fejn it-tifsira tal-Art.156(1) kienet spjegata hekk –

*Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero’ li kwalunkwe nuqqas da parte ta’ l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta’ l-Art.155(1) [illum 156(1) tal-Kap.12] u ghalhekk igib mieghu n-nullita’ tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b’mod li l-konvenut ikun jista’ jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita’ taghha u mhux spezzettata.*

Fil-kawza “**<u>Vella vs Cefai</u>**” (Appell Civili – 4 ta’ Novembru 1991 – Kollez. Vol.LXXV.II.467) il-Qorti tal-Appell sostniet li meta f` citazzjoni tezisti vjolazzjoni tal-forma in kontravvenzjoni tal-Art.156(1)(a) ghax ma jkunx fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba, l-eccezzjoni tan-nullita’ tac-citazzjoni tista’ tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita’ pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort’ohra hlief billi l-att jigi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f’dawn il-kazi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista’ jkun ghall-pratticita’ u sabiex tigi evitata multiplikazzjoni ta’ kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun

iebsa meta tilqa' l-eccezzjoni tan-nullita' u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi. In-nullita' ta' l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali.

Il-prassi segwita minn dawn il-Qrati, anke a bazi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-Art.175 tal-Kap.12 hija li *formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh* ("**Fino vs Fabri noe**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997) u konsegwentement *l-atti ghandhom jigu salvati anziche' annullati jew dikjarati nulli* ("**Ellul vs Coleiro**" – Qorti tal-Appell – 24 ta' Jannar 1994). [Ara wkoll – "**Guillaumier Industries Ltd vs Fava et**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – PA/RCP – 28 ta' Ottubru 1998, "**Attard noe vs Galea**" – Qorti tal-Appell – 12 ta' Mejju 1998 u "**Aquilina vs Cassar**" – Vol.LXXVI.IV.666]

Jinghad ukoll li l-Art.156(1) ghandu jinqara ukoll flimkien ma' l-Art.789 tal-Kap.12. Infatti l-kazi li fihom l-eccezzjoni tan-nullita' ta' atti gudizzjarji tista' tinghata huma dawk imsemmija fis-subartikolu (1) tal-Art.789. *L-erba' (4) cirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taht il-parametri ta' xi wahda minnhom.* ("**K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – PA/JRM – 13 ta' Marzu 2003). Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ssib sostenn fl-Art.789 tal-Kap.12.

Fl-istess sentenza "**K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited**" (op. cit.) jinghad hekk dwar l-element tal-kjarezza fl-att tac-citazzjoni in partikolari

b'riferenza ghall-kaz tal-lum fejn il-konvenuti qed jallegaw *konfuzjoni* fil-mod kif l-attur ressaq ir-"raguni" tat-talba –

*... il-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tiftiehem, ma jimputax jekk il-kawzali tkunx imfissra b'mod xott jew sahansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnfisha ...*

*... fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innfishom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju. Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita' huwa bizzejjed li t-talba tkun mfassala b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur ...*

*... jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tista' tigi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjonijiet ...*

Din il-Qorti taghmel taghha dawn l-insenjamenti.

U anke in vista tal-premess, tghid li n-nullita' eccepita mill-konvenuti mhix gustifikata.

Bil-mod kif l-attur imposta l-istanza tieghu, il-konvenuti ma garrbu l-ebda pregudizzju, tant illi fissru r-ragunijiet taghhom ghala bil-mizuri li mplimentaw, u li dwarhom qieghed jilmenta l-attur, ma kien hemmx hemm ksur da parti taghhom tal-obbligi li johorgu mit-Trattat u d-Direttivi tal-UE.

Fi kwalunkwe kaz, <u>u dan in linea generali</u>, ghandu jinghad li l-interess tal-gustizzja ikun generalment moqdi biss b'decizjoni fuq il-punti sostantivi tal-kawza u dak huwa li l-partijiet fil-verita' jkunu qed ifittxu. Ir-regoli tal-

procedura qeghdin hemm primarjament sabiex id-dritt sostantiv jista' jitressaq ahjar u bis-sens. Id-dritt ghall-gustizzja ma ghandux jippermetti li r-regoli tal-procedura jiehdu s-sovravvent, b'interpretazzjoni rigida u maghluqa, fuq id-dritt sostantiv b'mod li l-formalizmu jigi jiddetta t-twettieq tal-gustizzja skond il-ligi.

**Ghalhekk il-Qorti <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>It-tieni eccezzjoni</u>**

Fil-mori tal-kawza, l-attur indirizza l-kwistjoni li kienet sollevata bit-tieni eccezzjoni bil-korrezzjoni li talab fir-rikors guramentat u li l-Qorti akkordat.

**Ghalhekk il-Qorti <u>tastjeni</u> milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>It-tielet eccezzjoni</u>**

L-**<u>Art 181B(1) tal-Kap 12</u>** huwa car fis-sens illi jistabilixxi li fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji, il-Gvern ghandu jkun rapprezentat mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Imbaghad is-**<u>subartikolu (2)</u>** jghid illi *l-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti ul-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

Bit-tielet eccezzjoni, qed ikun eccepit li l-Onorevoli Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur tal-attur. Tenut kont tal-parametri tal-azzjoni promossa mill-attur, din il-Qorti tghid illi l-eccezzjoni hija fondata, ghaliex ma kienx hemm htiega li l-Onorevoli Prim Ministru jkun involut bhala parti fil-kawza anke ghall-fini ta` integrita` ta` gudizzju.

**Ghalhekk il-Qorti tilqa` t-tielet eccezzjoni**.

**Ikkunsidrat :**

**V. Ir-raba` eccezzjoni**

Fil-mori tal-kawza, l-attur indirizza l-kwistjoni li kienet sollevata bir-raba` eccezzjoni bil-korrezzjoni li talab fir-rikors guramentat u li l-Qorti akkordat.

**Ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba` eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**VI. Il-hames eccezzjoni**

Din l-eccezzjoni tolqot il-mertu tal-azzjoni attrici u ghalhekk il-Qorti sejra tittrattaha mal-mertu fit-taqsima li jmiss ta` din is-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**VII. Il-mertu tat-talbiet attrici**

**Fl-udjenza tat-8 ta` Frar 2010, il-partijiet qablu illi, bla pregudizzju ghall-kwistjoni legali li tifforma l-bazi tal-vertenza ta` bejniethom, ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni la dwar il-fatti u lanqas dwar l-ammonti li thallsu mill-attur. Il-kontestazzjoni kienet dwar liema ligi kellha tapplika ghall-kaz tal-lum : jekk hijiex il-ligi tal-UE inkella l-ligi domestika ta` Malta. Il-Qorti taghmel ghalhekk riferenza ghall-fatti kif esposti mill-attur fir-rikors guramentat.**

**Fis-sentenza taghha tat-18 ta` Settembru 2012 fil-kawza "Grech et vs Awtorita` ghat-Trasport f'Malta et" (li ghaddiet in gudikat) din il-Qorti diversament presjeduta (PA/AE) ittrattat fil-mertu fatti, cirkostanzi, talbiet, eccezzjonijiet u argumenti simili ghal dawk tal-kawza taht ezami. Din il-Qorti sejra taghmel ampja riferenza ghal din is-sentenza fil-konsiderazzjoni ta` dak li ssottomettew il-partijiet fil-kawza tal-lum.**

Fil-kawza ta` *Grech et vs Awtorita` ghat-Trasport f`Malta et* l-atturi kienu xtraw bl-internet permezz ta` irkant pubbliku internazzjonali vettura *second hand* tat-tip Land Rover Freelander, manifatturata fl-2002, registata fir-Renju Unit, ghall-prezz ta' £4,950 ekwivalenti ghal €3,693.69. L-attur mar *di persona* l-Ingilterra biex jiffinalizza l-bejgh u saq il-vettura mill-Ingilterra sa Malta. Ghalkemm il-vettura kienet diga' registrata f`pajjiz membru tal-UE, u kwindi t-taxxa tar-registrazzjoni u t-taxxi l-ohra dovuti fuqha kienu diga' mhallsa, l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta ("l-Awtorita") talbet lil Grech biex jikkonsenja n-numri ta' registrazzjoni u l-*logbook* tal-vettura. Inoltre sabiex isir uzu tal-vettura gewwa Malta, l-Awtorita` talbet lil Grech biex jirregistraw il-vettura mill-gdid, biex ihallas taxxa ta' l-ewwel registrazzjoni fis-somma ta' Lm 4,200 (ekwivalenti ghal €9,783.37), u jhallas taxxa fuq il-valur mizjud fuq din it-taxxa fl-ammont ta' Lm 756 (ekwivalenti ghal €1,761), b`kollox Lm 4956, ekwivalenti ghal €11,544.37. L-atturi hallsu lill-Awtorita` taht protest l-ammont pretiz minnhom pero` rrizervaw id-

drittijiet taghhom fil-ligi ghar-rifuzjoni ta’ dak il-hlas. Barra minn hekk, talbu li jinghataw lura r-*registration plates* u l-*logbook* originali.

Il-fatti tal-kawza tal-lum huma **simili**. L-attur xtara u akkwista mir-Renju Unit vettura Ferrari 328 GTB *second hand* sabiex igibha Malta. Fl-Ingilterra, il-vettura kienet registrata bin-Nru D89 GBF. Ghamel il-hlasijiet kollha rikjesti skond il-ligi Ingliza. Ir-*registration tax* u l-VAT fl-Ingilterra kienu diga` mhallsa mill-*previous owner*. Meta l-vettura waslet Malta, u l-attur mar biex jirregistra l-vettura, kien infurmat illi biex jirregistra l-vettura, kellu jhallas €30,448.13, in kwantu ghal €25,793.63 bhala *registration tax* u in kwantu ghal €4,642.85 bhala VAT. L-attur hallas il-figura ta` €30,448.13 *under protest* ghaliex skond l-attur l-awtoritajiet Maltin kienu qeghdin jaghtu interpretazzjoni skorretta tal-ligi domestika u tal-ligi tal-UE. L-attur ghamel din il-kawza sabiex *inter alia* jiehu lura dak li hallas.

Fil-kawza ta` *Grech et vs Awtorita` ghat-Trasport f`Malta et* dawn kienu **t-talbiet** :

*i) tiddikjara u tiddeciedi li l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta kisret l-artikolu 90 tat-Trattat dwar il-Kommunita’ Ewropea meta ezigiet il-hlas tat-taxxa ta’ l-ewwel registrazzjoni, komputata kif fuq inghad, sabiex l-imsemmija vettura Land Rover Freelander tigi registata f’Malta.*

*ii) konsegwentement tiddikjara li d-decizjoni ta’ l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta li biha stabbiliet it-taxxa ta’ l-ewwel registrazzjoni hija nulla, invalida u bla effett in kwantu tmur kontra l-artikolu 90 tat-Trattat dwar il-Kommunita’ Ewropea.*

*iii) tiddikjara u tiddeciedi li l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta kisret il-ligi wkoll meta ezigiet il-hlas tat-*

*taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-imsemmija taxxa ta' registrazzjoni.*

*iv) konsegwentement tiddikjara li d-decizjoni ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta li biha ezigiet il-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-imsemmija taxxa ghar-registrazzjoni hija nulla, invalida u bla effett.*

*v) konsegwentement, tikkundanna lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta sabiex tirrifondi lill-esponenti l-ammont imhallas minnhom illegalment kif fuq inghad.*

Huwa evidenti li t-talbiet tal-attur fil-kawza tal-lum huma impostati fuq l-istess binarji.

Fil-kawza ta` *Grech et vs Awtorita` ghat-Trasport f`Malta et* id-difiza tal-konvenuti fil-mertu kienet prattikament l-istess ghal dik tal-konvenuti fil-kawza tal-lum u cioe` :

i) Illi bil-fatt li ntalab il-hlas tat-taxxa ta` registrazzjoni ghall-vettura de qua ma kienx hemm ksur tal-Art 90 tat-Trattat tal-UE ghaliex it-taxxa ta' registrazzjoni stabbilita a tenur tal-Art 3 tal-Kap 368 ma tmurx kontra l-Art 90 tat-Trattat tal-UE.

ii) Illi l-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud kien rikjest skond Klawsola 12 tas-Seba` Skeda tal-Kap 406.

iii) Illi l-Istati Membri tal-UE huma hielsa li jezercitaw il-kontroll taghhom fil-qasam tat-tassazzjoni tal-vetturi. Dan id-dritt qatt ma kien kontestat mill-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja.

iv) Illi bit-taxxa ta’ registrazzjoni mhix qeghda tkun imposta, direttament jew indirettament, taxxa ohra fuq prodotti gejjin minn Stati membri tal-UE. Malta m’ghandiex manifattura domestika ta’ vetturi u ghaldaqstant ma jistax ikollha taxxa li tipprotegi l-prodotti domestici bi ksur ta’ l-Art 90.

v) Illi d-dazju ta’ registrazzjoni hu direttament marbut ma’ l-akkwist tal-vettura u ghalhekk ghandu jigi inkluz fl-ammont ta’ l-akkwist li fuqu tithallas it-taxxa fuq il-valur mizjud.

Fil-kawza ta` *Grech et vs Awtorita` ghat-Trasport f`Malta et* il-Qorti ghamlet dawn **<u>il-konsiderazzjonijiet fil-mertu</u>** :-

1) Illi l-<u>Art 90 tat-Trattat tal-UE</u> jipprovdi :

*No Member State shall impose, directly or indirectly, on the products of other Member States any internal taxation of any kind in excess of that imposed directly or indirectly on similar domestic products. Furthermore, no Member State shall impose on the products of other Member States any internal taxation of such a nature as to afford indirect protection to other products.*

2) Illi l-ghan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 tat-Trattat inghad li hu :

*“ …as the Court has consistently held (see most recently the judgment in Case 252/86 Bergandi v Directeur General des Mmports (1988) ECR 1343) that the aim of Article 95 as a whole is to ensure free movement of goods between the Member States in normal conditions of competition by the elimination of all forms of protection which may result from the application of internal taxation that discriminates against products from other Member States. This Article 95 must guarantee the complete neutrality of internal taxation as regards competition between domestic products and imported*

*products."* (***Commission v*. *Denmark*** – C-47/1988). Fl-istess sentenza jinghad illi : *"A product becomes a domestic product as soon as it has been imported and placed on the market.* ***Imported used cars and those bought locally constitute similar or competing products. Article 957 therefore applies to the registration duty charged on the importation of used cars."***.

3) Illi ma tregix it-tezi tal-konvenuti li l-Artikolu 90 ma japplikax ghall-kaz ta' vetturi peress li l-vetturi godda u wzati li hawn fis-suq *"huma ta' origini barranija."*

4) Illi irrispettivament ta' x'setghet kienet ir-raguni ghall-imposta, xorta jrid jigi kkunsidrat jekk bil-gbir tat-taxxa ta' registrazzjoni sehhx ksur tal-Artikolu 90.

5) Illi fil-kaz ta` ***Commisson v Denmark***, il-Qorti osservat :

*"Accordingly, even if it appears that by reason of the very large amount of tax levied on new cars the portion of the duty still incorporated in the value of the vehicle is written off more slowly in Denmark than in other Member States which levy a lower duty, that does not prevent the levying of a registration duty for which the basis of assessment is at least 90% of the value of the car when new from constituting generally over-taxation of the vehicles in comparison with the residual registration duty in the case of previously registered used cars bought on the Danish market, whatever their age or condition."*.

6) Illi fil-kaz Nru 393/98 ***Ministro Pubico Antonio Gomes Valente vs Fazenda Publica*** tat-22 ta' Frar 2001, il-Qorti Ewropea ddikjarat :

*"It does, not however, follow from the case-law cited in paragraphs 21 to 23 of this judgment that the actual*

*depreciation of the vehicles cannot be taken into account otherwise than by means of an assessment or expert examination of each of them. Avoiding the administrative burden inherent in such a system, a Member State might be able to establish, by means of fixed scales determined by statute, regulation or administrative provision and calculated on the basis of criteria such as a vehilcle's age, kilometrage, general conditon, method of propulsion, make or model, a value for second-hand vehicles which, as a general rule, would be very close to their actual value.* ***In drawing up those scales, the authorities of a Member State might refer to a guide indicating the average prices of second-hand vehicles in the national market or to a list of average current prices used as a reference in the sector****"*

7) Illi f`sentenza ohra fil-kaz ***Commission v Hellenic Republic*** (C-375/95) il-Qorti osservat li s-sistema ta' vetturi ghandha tassigura li :

***"the taxable value imputed to the imported second hand vehicle by the revenue authorities (......) faithfully reflect(s) the value of a similar second-hand vehicle already registered on the domestic market."***.

8) Illi l-principju li johrog mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea hu li t-taxxa ta' registrazzjoni fuq vettura li ghandha tant snin m'ghandix teccedi l-ammont ta' taxxa (***residual tax***) li jkun inkluz fil-valur ta' vettura simili fis-suq lokali li tkun ilha registrata lokalment ghall-istess snin.

9) Illi fil-fehma tal-qorti l-imposizzjoni ta' ammont ta' Lm 4,200 bhala taxxa minima ta' registrazzjoni fil-kaz ta' vetturi *second hand* b'magna b'kapacita' ta' bejn 1800 cc u mhux iktar minn 2000 cc u impurtati f'Malta, irrispettivament mit-taxxa li kellha tithallas bhala persentagg tal-valur *ad valorem* skond l-stima li taghmel l-Awtorita, hu bizzejjed biex jigi ddikjarat li l-ligi Maltija kellha effett li tiddiskrimina fir-rigward ta' vetturi *second*

*hand* li jigu mpurtati minn pajjizi membri tal-Unjoni Ewropea. Bizzejjed li wiehed jiftakar li f'dan il-kaz l-istima tal-valur tal-vettura li ghamlet l-Awtorita kienet ta' Lm3,053 u l-attur intalab li jhallas taxxa ta' registrazzjoni ta' Lm4,200, cjoe' Lm1,147 iktar milli tiswa l-vettura. Ghalhekk l-imposizzjoni fuq l-importatur ta' taxxa minima ta' Lm4,200 irrispettivament tal-valur tal-vettura, kien imur kontra l-obbligu li jimponi l-Art 90. M'hemmx dubju li taxxa ta' registrazzjoni ta'
Lm4,200 fuq vettura li giet stamata li tiswa Lm3,053 ifisser li t-taxxa teccedi dik li tissejjah bhala "*residual tax*" inkorporata fil-valur ta' vetturi simili li huma diga' registrati f'Malta.

10) Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta` Jannar 2007 fil-kaz ***Maciej Brzezinski vs Dyrektor Izby Celnej w Warszawie*** (C-313/05) tat-18 ta' Jannar
2007:il-Qorti Ewropeja qalet hekk :

*"40. It is settled law that a system of taxation may be considered compatible with Article 90 EC only if it is so arranged as to* ***exclude any possibility of imported products being taxed more heavily than similar domestic products****, so that it cannot in any event have discriminatory effect (Haahr Petroleum, paragraph 34, and Case C-375/95 Commission v Greece [1996] ECR I-5981, paragraph 29).*

*41. It follows from the foregoing considerations that the answer to the second and third questions referred must be that the first paragraph of Article 90 EC is to be interpreted as meaning that it precludes an excise duty, in so far as the amount of the duty imposed on second-hand vehicles over two years old acquired in a Member State other than that which introduced such a duty exceeds the residual amount of the same duty incorporated into the market value of similar vehicles already registered in the Member State which introduced that duty "*.

11) Illi ghalkemm il-ligi Maltija kienet tistabilixxi taxxa minima ta' Lm4, 200 fuq it-tip ta' vettura li gabu l-atturi, dak l-ammont kien qieghed jikser il-ligijiet tal-Unjoni Ewropea in kwantu mhux kompatibbli mal-Artikolu 90 tat-Trattat. L-Art 3 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi :-

*(1) Mill-Ewwel ta' Mejju 2004, it-Trattat u atti ezistenti u futuri adottati mill-Unjoni Ewropea ghandhom jorbtu lil Malta u ghandhom ikunu parti mil-ligi domestika taghha taht il-kondizzjonijiet stipulati fit-Trattat.*

*(2) Kull disposizzjoni ta' ligi li mid-data msemmija tkun inkompatibbli ma' l-obbligazzjonijiet ta' Malta taht it-Trattat jew li tidderoga minn xi dritt moghti lil xi persuna bit-Trattat jew tahtu ghandha, safejn dik il-ligi tkun inkompatibbli ma' dawk l-obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn dawk id-drittijiet, tkun bla effett u ma tkunx tista' tigi infurzata.*

12) Illi ghalhekk il-Qorti ordnat lill-Awtorita` biex trodd lill-atturi it-taxxa ta' registrazzjoni zejda li hallsu l-atturi.

13) Illi ghar-rigward tal-hlas ta` taxxa fuq il-valur mizjud, irrizulta li l-attur hallas 18% tat-taxxa ta' registrazzjoni tal-vettura. Dan ifisser li kellu jhallas taxxa fuq it-taxxa ta' registrazzjoni. Skond l-Art 4 tal-Kap 406, meta persuna ddahhal f'Malta vettura *second hand* li tkun xtrat minn Stat Membru iehor ghall-uzu personali taghha, m'huwiex dovut hlas ta' VAT fuq il-vettura.

14) Illi l-Qorti ma kienitx tal-fehma illi l-Art 5(3) tal-Kap 406 ghandu jservi bhala ghodda biex il-Gvern jassigura li ma jkunx hemm *"significant distortions in competition"* bejn kompetituri fis-settur privat.

15) Illi l-kawsola 12 tas-Seba` Skeda tal-Kap 406 ma tista` qatt tapplika ghaliex il-kaz in ezami ma kienx kaz ta` *"importazzjoni"* skond it-tifsira moghtija fl-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. Kwindi ordnat ir-rifuzjoni tal-VAT li hallsu l-attur fuq it-taxxa ta` registrazzjoni.

**Din il-Qorti taghmel taghha dawn il-konsiderazzjonijiet u tghid illi jghoddu *mutantis mutandis* ghall-kawza tal-lum.**

Taghmel ukoll dawn **l-osservazzjonijiet** anke wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-partijiet **–**

1) Illi fatt li jaghmel il-kaz tal-lum differenti minn dak ta` *Grech et vs Awtorita` ghat-Trasport f`Malta et* huwa li l-vettura tal-kaz tal-lum kellha cilindrata in eccess tal-2000 cc.

2) Illi l-vettura in kwistjoni dahlet Malta f`Novembru 2008 fi zmien fejn l-istat tad-dritt ma kienx dak li huwa llum. Kellha *invoice value* ta` GBP 26,000.

3) Illi l-Art 3 tal-Kap 368 kif kien dak iz-zmien kien jitkellem dwar *excise duty* mhux dwar *first registration tax.* It-taxxa tolqot il-vetturi kollha li jigu minn barra – kemm dawk provenjenti mill-UE kemm jekk minn barra l-UE – kemm jekk il-vettura tkun gdida kif ukoll jekk tkun *second hand.* Id-differenza tinsab fir-rati.

4) Illi ghar-rigward tat-taxxa fuq il-valur mizjud, is-Sitt Direttiva li ghall-bidu rrefera l-attur fir-rikors guramentat kienet sostitwita fit-28 ta` Novembru 2006 bil-Council Directive 2006/112/EC *on the common system of value added tax.* Kwindi din il-Council Directive kienet fis-sehh meta kienet akkwistata l-vettura de qua kif ukoll meta l-vettura dahlet Malta.

5) Illi b`effett mill-1 ta` Dicembru 2009, dahal fis-sehh it-Trattat ta` Lisbona li ha post it-Trattat tal-UE, bl-Art 90 jigi sostitwit bl-Art 110. Id-dicitura baqghet l-istess.

6) Illi fid-deposizzjoni tieghu, Brian Farrugia mill-Awtorita` konvenuta fisser lill-Qorti kif inhadem l-ammont li tieghu l-attur qieghed jitlob ir-rifuzjoni f`din il-kawza. L-ammont reklamat mhux kontestat bhala *quantum.* U daqstant iehor mhux kontestat illi kienet l-Awtorita` konvenuta li rceviet il-hlas.

7) Illi l-kwistjoni kollha hi jekk l-attur kienx diskriminat bil-mod kif kif thaddem l-Art 3 tal-Kap 368 fil-konfront tieghu u kif sar il-kalkolu tal-VAT.

8) Illi waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-partijiet missew il-punt centrali tal-kawza u cioe` jekk fil-qasam ta` l-akkwist ta` vetturi *second hand* kienx it-trattament tal-attur bl-ammonti li kien imgieghel ihallas diskriminatorju meta mqabbel ma` persuni ohra li jakkwistaw fis-suq lokali. Bil-principju tal-*free movement of goods* bejn il-pajjizi membri tal-UE bhala sfond, mhux rilevanti jekk il-prodott in kwistjoni huwiex manifattura fiss-suq lokali inkella le. Rilevanti hija l-kwistjoni jekk prodott li jinbiegh lokalment (fil-kaz tal-lum vettura *second hand* anke jekk mhux manifatturat Malta) ghandux *in real terms* jigi jiswa ferm anqas milli kieku l-prodott jigi akkwistat minn pajjiz membru tal-UE. U jekk jigri hekk huwiex dak kaz ta` diskriminazzjoni ghaliex jiffavorixxi l-akkwist ta` prodotti mis-suq lokali a skapitu ta` ohrajn simili li jigu minn barra. Din il-Qorti – kif inghad fis-sentenza ta` *Grech et vs Awtorita` ghat-Trasport f`Malta et* - tghid li hemm diskriminazzjoni. L-argument tal-konvenuti illi vettura *second hand* mibjugha Malta xi darba kienet gdida ma jghoddx ghall-kaz tal-lum. Ix-xebh irid isir fuq bazi ta` *like with like.* Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti mhijiex ta` vettura li dahlet Malta gdida, inbieghet gdida Malta u wara

nbieghet *second hand* Malta ; il-kaz huwa ta` vettura *second hand* – anke jekk Ferrari - li nxtrat barra minn pajjiz membru tal-UE u giet biex tigi registrata Malta. Il-valur ta` din tal-ahhar ma jistax ikun tali illi ma jaghmilx proporzjon ma` kemm kien il-valur taghha bit-taxxi b`kollox qabel rifset Malta. Ghalhekk id-diskriminazzjoni u l-ksur tal-Art 90 (illum Art 110 tat-Trattat ta` Lisbona) ghaliex bl-imposizzjoni tat-taxxa tas-sisa u l-VAT fuq il-prodott li gie mill-UE kien qieghed jiehu vantagg prodott tal-istess generu fis-suq lokali.

9) In kwantu ghall-imposizzjoni tal-VAT, il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li kien irrimarkat fi *Grech et vs Awtorita` ghat-Trasport f`Malta et* dwar il-fattur tas-*distortion of competition* – u taghmlu taghha.

10) Il-Qorti ssostni dak illi nghad fil-kawza *Grech et vs Awtorita` ghat-Trasport f`Malta et* illi l-Art 3 tal-Kap 368, kif kien fiz-zmien li l-vettura de qua waslet Malta, u kif kien implimentat fil-kaz tal-attur, kien imur kontra l-Art 90 tat-Trattat tal-UE (illum l-Art 110 tat-Trattat ta` Lisbona) ixekkel il-principju tal-*free movement of goods* bejn pajjizi fl-UE u jaghti vantagg lid-*domestic market.*

11) Ladarba l-ammont reklamat thallas lill-Awtorita` konvenuta ghandha tkun hi mhux il-konvenuti l-ohra li jaghmlu r-rifuzjoni.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tar-raba` eccezzjonijiet.**

**Tilqa` t-tielet eccezzjoni u tillibera lill-Onorevoli Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tichad l-ewwel u l-hames eccezzjonijiet.**

**Tilqa` l-ewwel, it-tielet u r-raba` talbiet.**

**Tilqa` t-tieni talba limitament fil-konfront tal-Awtorita` konvenuta.**

**Tilqa` l-hames talba limitatament fil-konfront tal-Awtorita` konvenuta billi tordna lil din l-Awtorita` konvenuta sabiex trodd lill-attur is-somma ta` tletin elf erba` mija tmienja u erbghin Ewro tlettax-il centezmu (€30,448.13) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------